# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Awwissu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**
**vs**
**Sean Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 563/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Sean Grech ta' 30 sena, iben Joseph u Antonia nee' Stivala, imwieled Pieta' fit-03 ta' Frar 1990, residenti fil-fond 94, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 81790M.

Akkuzat talli :-

1. Fil-lejl ta' bejn l-4 ta' Awwissu 2020 u l-5 ta' Awwissu 2020, ghal-habta ta' bejn il-hdax u nofs ta' filghaxija u n-nofs siegha ta' filghodu, f'Misrah Gavino Gulia, Bormla, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn go kartiera li kienet go vettura ta' l-ghamla Toyota Ractis ta' lewn silver bin-numru ta' registrazzjoni LDC 815, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Lawrence Previ;

2. U talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 30 ta' Awwissu 2019;

3. U talli kiser d-digriet u l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D ta' nhar is-26 ta' Gunju 2020;

4. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali[1] biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-degriet taghha tat-22 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema cahdet talba ta'l-imputat biex din il-Qorti tassumi il-funzjoni ta' Qorti tad-Droga.

Rat degriet iehor taghha mghoti ukoll fit-22 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija, rrevokat id-degriet datat 25 ta' Frar 2021 permezz ta' liema l-imputat inghata l-helsien mill-arrest fil-proceduri odjerni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

## **Il-Provi**

Illi l-ufficjal prosekutur l-**Ispettur Darren Buhagiar** spjega[2] li fit-22 ta' Awwissu 2020 sar rapport ta' serq ta' flus kontanti minn go vettura. Gie elevat filmat minn CCTV camera minn liema filmat il-pulizija identifikat suspettat li huwa l-imputat; dan gie arrestat u anke ittiehdietlu stqarrija. L-ispettur Buhagiar irrileva li l-hin tal-filmat jindika li l-akkadut sehh fil-11.30pm. In kontro-ezami[3] l-ispettur Buhagiar qal li wara li giet printjata l-istqarrija ta'l-imputat mhux cert jekk inqratx jew le qabel ma giet iffirmata; pero huwa zied li dejjem isaqsi jekk il-persuna tkunx trid li tinqara l-istqarrija. L-ispettur ikkonferma li l-imputat inghata d-drittijiet legali kollha

[1] Dok DB9 a fol 19.
[2] Depozizzjoni a fol 32.
[3] Depozizzjoni a fol 70

tieghu qabel ma irrilaxxja l-isqtarrija. L-Ispettur Buhagiar qal ukoll li meta ra l-filmat huwa m'gharaf lil hadd pero spjega li hu ma tantx kien ilu stazzjonat f'dak id-distrett allura in-nies ma kienx jafhom. Zied li kien is-surgent li ghaddielu il-filmat, li kien ilu ghoxrin sena stazzjonat f'dak id-distrett, li gharaf lill-imputat fil-filmat.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri l-Ispettur Buhagiar prezenta:

- l-okkorenza dwar dan il-kaz[4] minn liema jidher li r-rapport sar fil-5 ta' Awwissu 2020 fin-nofs siegha ta' fil-ghodu (00:30hrs) dwar fatti li sehhew fis-siegha ta' qabel f' Misrah Gavino Gulia Bormla;

- l-istqarrija ta'l-imputat[5];

- kopja tad-degriet datat 26 ta' Gunju 2020[6] permezz ta' liema l-imputat kien inghata helsien mill-arrest, f'proceduri ohra, taht diversi kundizzjonijiet inkluz dawk li ma jikkommettiex delitt ta' natura volontarja[7] u li jirtira gewwa r-residenza tieghu sa mhux aktar tard mid-9:00pm u ma johrogx qabel is-7:00am[8].

- CCTV footage[9] u stills mill-istess footage[10]. Mill-filmat jidhru zewg vetturi ipparkjati wahda wara l-ohra: l-ewwel wahda van ipparkjat sew mal-bankina u warajh il-karozza li fiha kien hemm Previ; din kienet biswiet scaffolding li kien hemm armat fuq il-bankina. F'hin minnhom jidhru zewg irgiel qed jaqsmu mill-bankina tal-faccata, jghaddu minn bejn iz-zewg vetturi u jitilghu il-bankina; minn hemm wiehed tela' 'l fuq u l-iehor mar 'l isfel minn taht l-iscaffolding. Dan mbaghad jidher javvicina il-bieba tax-xuffier u qed jistrih mal-bieba ghal ftit sekondi, b'rashu barra mit-tieqa, mbaghad jidher jaghmel zewg passi lura u baqa' diehel taht l-iscaffolding u qaghad ftit sekondi mal-hajt. Wara rega mar hdejn il-bieba tax-xufier, jidher qisu qed jitkellem max-xufier, u ftit wara jdur mal-karozza, idahhal idu il-leminijja fit-tieqa tal-passiggier u jixxabat 'l gewwa, mbaghad dahhal anke idejh l-ohra u wara ftit jiddritta u jimxi 'l hemm[11].

---

[4] Dok DB4 a fol 10 (din giet prezentata mac-citazzjoni).
[5] Dok DB7 a fol 15 (din giet prezentata mac-citazzjoni).
[6] Dok DB8 a fol 18 (din giet prezentata mac-citazzjoni). Vera kopja ta' dan id-degriet gie prezentata minn Maria Dolores Fenech, Assistent Registratur; ref Dok MDF1 afol 48.
[7] Ir-raba kundizzjoni.
[8] Is-sitt kundizzjoni.
[9] Dok DB10 a fol 36.
[10] Dok DB11 a fol 37.
[11] Mill-filmat jidher ukoll li malli beda miexi 'l hemm ghadda xi hadd bil-karozza li waqaf ikellmu; wara li tkellem ftit ma din il-persuna telaq jghaggel 'l-isfel.

- Vera kopja ta' zewg sentenzi, it-tnejn mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront ta'l-imputat:
  - wahda datata f'l-1 ta' Dicembru 2015 permezz ta' liema, wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, gie ikkundannat xahar prigunerija sospiz ghal perjodu ta' sentejn.[12]
  - l-ohra datata 30 ta' Awwissu 2019 permezz ta' liema, wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, tpogga taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin ghal xi imputazzjonijiet u gie ikkundannat penali ta' sebghin Euro (€70) ghal imputazzjoni ohra.[13]

Illi xehedu ukoll l-ufficjali tal-pulizija l-ohra involuti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz:

**PS654 Elton Bondin**[14] ikkonferma li Nikita Previ u missierha Lawrence marru l-ghassa tal-pulizija nhar il-5 ta' Awwissu 2020 ghall-habta tan-nofs siegha ta' fil-ghodu biex jirrapurtaw dan il-kaz; huwa seta' jinnota li Lawrence kien jidher daqsxejn xurban. Nikita Previ qalet lix-xhud li ghall-habta tal-hdax / nofs il-lejl bdiet iccempel lil missierha li ma rrispondihiex ghalhekk niezlet il-pjazza tfixxu. Hi kompliet tirrapporta li sabet lil missierha rieqed fil-karozza tieghu li kellha t-twieqi miftuhin. Qajjmet lil missierha, iccekkja l-kartiera u sab li kellu tlett mitt Euro nieqsin. Previ qaltlu ukoll lix-xhud li qabel ma marru l-ghassa tkellmet ma' xi nies li kienu hemm u qalulha li missierha kien qed jitkellem ma xi hadd. PS654 qal li Previ sabet lil missierha fil-vicinanzi tal-Convenience Store li ghandu CCTV; ghalhekk fis-7 ta' Awwissu marru jigbu kopja ta' xi filmati li setghu kienu relevanti. PS654 ra l-filmat u gharaf lil persuna li kienet qed iddur mal-vettura ta' Previ bhala Sean Grech, l-imputat. In konto-ezami ikkonferma li hu kien prezenti f'l-ghassa meta Previ ghamlu r-rapport u kien hu li ha l-verzjoni taghhom. Ikkonferma li dak il-hin Lawrence Previ kien jidher xurban pero kien f'sensih; qal ukoll li Lawrence Previ ma riedx jaghmel rapport imma kienet it-tiefla li geghlietu.

**PC1261 Manuel Decelis**[15] kien prezenti meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija. Huwa ikkonferma li l-imputat inghata d-drittijiet tieghu ta' assistenza legali, drittijiet li l-imputat irrinunzja ghalihom. Ix-xhud ikkonferma li l-ispettur kien qed jittajpa dak kollu li kien qed jinghad; wara li l-istqarrija giet printajta inqrat lill-imputat u giet iffirmata anke mill-imputat.

[12] Dok DB12 a fol 38.
[13] Dok DB13 a fol 43.
[14] Depozizzjoni a fol 53.
[15] Depozizzjoni a fol 63.

**PC650 Nigel Farrugia**[16] ikkonferma l-okkorrenza li giet entrata fis-sistema minnu.

Illi l-parte leza **Lawrence Previ** jghid[17] li fil-gurnata in ezami huwa mar ghand it-tifla tieghu biex tghoddlu l-flus u kif kien ghandha ha tnejn birra. Min ghandha mar ghand ic-Chick King, xtara xi haga, rega mar fil-karozza u peress li kien ghajjin raqad hemm. Ma jiftakar xejn aktar hlif li eventwalment qajjmitu t-tifla. Hu spjega li qam mishut u t-tifla bdiet tghidlu li serqulu l-flus. Hu kjarifika li minghand ic-Chick King xtara tigieg u tlett fliexken birra li hallas ghalihom mill-flus li kienet ghoddiet it-tifla; zied li meta dahal fil-karozza halla l-kartiera, li kienet sewda plain, fuq is-seat tal-passiggier. Jinsisti li huwa ma jiftakarx minn kienet il-persuna li kellmietu meta kien fil-karozza. In kontroezami[18] ikkonferma li huwa kien ghand it-tifla, mar ghand ic-Chick King, mar gol-karozza biex suppost imur id-dar imma marret ghajnejn bih; kien ha jaqbda jiekol hemm fil-karozza pero ma lahaq ha xejn, lanqas birra, ghax marret ghajnu bih. Previ ikkonferma li lil-imputat jafu bhala habib minn Bormla u qatt ma ra ghajn hazin minnu. Jghid li l-imputat gieli talbu l-flus u hu gieli tah. Ikkonferma ukoll li meta kien ghand it-tifla ghaddietlu l-flus li kellu gol-kartiera u li kellu xi erbgha mija u ingibdu tlett mija minnhom. Previ spjega ukoll li hu rid jixtri mobile ghalhekk talab lit-tifla tghoddlu l-flus. Spjega ukoll li ghand ic-Chick King nefaq xi ghaxar Euro u zied li sa kemm mar ghand ic-Chick King kien ghadu tajjeb pero meta dahal fil-karozza ghonos u daqshekk.

Illi xehedet ukoll **Nikita Previ**[19] bint l-parte leza Lawrence Previ. Hija spejgat li fil-gurnata in ezami missierha kien qieghed ghandha jiehu xi zewg flixken birra. Qabel telaq minn ghandha talabha tghoddlu l-flus; hi hekk ghamlet u ghoddiet erbgha mija u ghoxrin Euro (€420). Previ qalet lil missierha biex meta jasal id-dar icemplilha. Peress li ghaddew hames minuti u missierha ma cempilx (hu joqghod vicin taghha), cemplitlu hi. Cemplet xi hames darbiet pero ma rrispondiex ghalhekk marret id-dar tieghu; ma kienx hemm u lanqas il-karozza tieghu ma kienet hemm.Telqet minn hdejn id-dar ta’ missierha, niezlet in-nizla u rat il-karozza ta’ missierha wieqfa fil-pjazza fil-vicinanzi tal-Convenience Store. Previ kompliet tghid li missierha kien rieqed fil-karozza, f’idejh kellu borza b’xi tigieg, u fuq is-seat tal-passiggier kien hemm il-kartiera. Previ qajjmet lil missierha, iccekkjatlu il-kartiera u sabet li fiha kellu mitt Euro (€100) biss. Staqsiet lil missierha ma min kien pero ma ftakarx. Ziedet tghid li kien hemm x’irgiel fil-vicinanzi li qalulha li kienu raw lil xi hadd ikellmu lil missierha pero ma kienux jafu min hu. Previ

[16] Depozizzjoni a fol 68.
[17] Depozizzjoni a fol 28.
[18] Depozizzjoni a fol 74
[19] Depozizzjoni a fol 24.

spjegat li hi kienet harget tfittex lil missierha bil-pyjama ghalhekk marret, flimkien ma missierha id-dar taghha, biddlet biex mbaghad marru l-ghassa jaghmlu rapport. Previ ikkonfermat li l-karozza ta' misserha kienet Toyota Ractis b'numru ta' registrazzjoni li jibda b'l-ittri "LCD"; in-numri ma ftakrtihomx.

Illi kif intqal **l-imputat** irrilaxxja stqarrija u anke iddepona quddiem din il-Qorti.

Illi f'l-istqarrija[20] l-imputat jghid li huwa ghandu problema ta' droga u ghalkemm normalment wara li jiehu l-mistura u jmur jiffirma l-ghassa imur lura d-dar, jista jkun li fil-lejl ta' bejn l-4 ta' Awwissu 2020 u l-5 ta' Awwissu 2020 kien qieghed barra f' Misrah Gavino Gulia Bormla. Mistoqsi jekk waqaf jitkellem ma' Lawrence Previ li kien jidher fis-sakra fil-karozza tieghu (cioe ta' Previ) jghid li jista jkun. Jichad pero li huwa dahhal idejh mit-tieqa tal-vettura u ha flus mill-kartiera ta' Previ waqt li dan kien rieqed jew aljenat. Muri ritratt tal-kartiera ta' Previ jghid li ma jiftakarx li raha. L-imputat gie muri l-filmat mehud mic-CCTV u wara li ra dan il-filmat ikkonferma li hu kien il-persuna li tidher qed tkellem lil Previ pero jibqa jichad li ha l-flus.Waqt l-istqarrija l-imputat ikkonferma li dak in-nhar huwa kien marbut b'kundizzjonijiet imposti ma' l-ghoti tal-helsien mill-arrest u li skond dawn il-kundizzjonijiet wara d-disgha ta' fil-ghaxija kellu jkun id-dar.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[21] l-imputat  jghid li lil Lawrence Previ kien jafu u gieli abbuzaw mid-droga flimkien. Dwar il-lejl in ezami jghid li fil-hin li hu kien qed ikellmu Previ kien f'sensih. Jghid ukoll li hu ma hax flus ghalkemm kien qieghed bil-vizzju. Zied jghid li meta tkellem ma' Previ dan qallu li kieku kien ghalih ma kienx iressaq il-kaz u li kien ghalih (ghal Previ) hafirlu. L-imputat jghid ukoll li Previ kien qal lill-ispettur li jekk kien xi hadd li kien jaf (li serqu) ma riedx li jittiehdu passi. Aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni tieghu fil-waqt li jibqa jinsisti li hu ma seraqx flus jghid li vera kien qed jitkellem ma Previ u li kull meta Previ tah flus dejjem "*taghni hu minn jeddu ghad-droga*". L-imputat kompla jghid li hu kien qieghed hdejn il-Convenience Store, barra, u li Previ ftit qabel kien qieghed iktar 'l fuq f'hanut tax-xorb, kien imdamdam u raqad gol-karozza. L-imputat qal ukoll li Previ qed jghid li stenbah xi erba' sieghat wara. In kontro-ezami u mistoqsi ghalfejn dar mal-karozza, l-imputat jghid li ghamel hekk ghax Previ beda jiekol. Mistoqsi ghalfejn, meta kien man-naha tal-passiggier, dahal jiggebbed fil-karozza biex jiehu xi haga, l-imputat ma ta l-ebda raguni imma insista li m'ghamel xejn. Rega irrepeta li l-imputat, li dak il-hin kien imdamdam, gieli tah flus min jeddu pero f'l-istess hin jghid "*u xorta ma tanix*

[20] Dok DB7 a fol 15.
[21] A fol 163.

*flus lili alright*". Zied ukoll li Previ qallu li jaf li mhux hu kien li hadlu l-flus u kompla jinsisti li dak il-hin Previ kien imdamdam. Jispicca d-depozizzjoni tieghu billi jghid li fil-waqt li ghandu problema tad-drogi "*qatt m'ghamilt kummidji*".

Illi ghal kull bon fini ghandu jigi rilevat li l-imputat kien ghazel li jixhed in sostenn tat-talba tieghu biex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' droga[22]. Dak in-nhar huwa ukoll kien allega li Previ ghandu l-vizzju tad-droga u li jonfoq kull ma jkollu fix-xorb u mbaghad jghid li naqsulu l-flus.

Ikkunsidrat

## **L-Imputazzjonijiet**

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar serq aggravat bil-valur, hin u xorta' tal-haga.

Illi f'dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li ghalkemm il-pulizija gabu il-filmat mill-Convenience Store li juri lill-imputat javvicina il-vettura ta' Previ, jkellmu u jaghmel il-movimenti fuq deskritti; ma ngiebx il-filmat kollu u cioe s-sekwenza shiha mill-mument li Previ ipparkja bil-vettura tieghu sa kemm waslet bintu Nikita u telqu minn hemm. Fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas huwa determinanti ghaliex halla vojt fil-provi li facilment seta' jimtela.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghandu jigi rilevat ukoll li fattur iehor li huwa determinanti f'dan il-kaz huwa in-nuqqas ta' kredibilita tax-xhieda principali u cioe Lawrence Previ u l-imputat.

Illi fil-verita Lawrence Previ ma jghidx wisq, u l-ftit li jghid jirreferi biss ghal dak li gara qabel u wara l-akkadut. Jghid li kien ghand bintu Nikita, meta kien hemm ghoddietlu l-flus li kellu fil-kartiera u ha zewg flixken birra; telaq minn hemm u baqa sejjer ghand ic-Chick King fejn xtara tigieg u birra, mar fil-karozza fejn kien ser jiekol it-tiegieg li kien xtara pero marret ghajnejh bih mill-ewwel; ma kien lahaq ha xejn minn dak li kien xtara. Jghid li wara dan ma jiftakar xejn, lanqas li gie xi hadd ikellmu, u huwa jghid li jiftakar biss lil bintu qed tqajjmu meta kien ghadu fil-karozza u dak il-hin irrealizzaw li kienu naqsu tlett mitt Euro mill-kartiera li kienet fuq is-seat tal-passiggier.

[22] Depozizzjoni a fol 123.

Illi Nikita Previ tikkonferma dan kollu. Minkejja din il-korroborazzjoni pero Lawrence Previ jaghmel xi asserzjonijiet li ma tantx jistghu jitqiesu verosimili.

Illi Previ jghid li ha z-zewg flixken birra ghand it-titfla u li t-tlieta li xtara minghand ic-Chick King ma lahaqx xorobhom. Mill-atti ma jirrizultax x'hin Previ telaq mir-residenza ta' bintu, jittizulta biss li minn meta waqaf ikellmu l-imputat (allura meta kien diga mar ghand ic-Chick King) sa kemm sar ir-rapport l-ghassa ghaddiet ftit anqas minn siegha, f'liema siegha Previ jghid li kien rieqed sa kemm qajjmietu bintu. Minkejja li skond Previ kull ma ha kienu zewg flixken birra u raqad almenu nofs siegha, meta marru l-ghassa is-Surgent ra li Previ kien daqsxejn xurban indikazzjoni li kien xorob aktar minn zewg flixken birra.

Illi Previ jghid ukoll li raqad immedjatament malli dahal fil-karozza (wara li xtara minghand ic-Chick King) u li ma jiftakarx li mar xi hadd ikellmu. Din l-asserzjoni ukoll tqajjen certi dubbji. Jirrizulta indubbjament li kien hemm konverzazzjoni bejn Previ u l-imputat; dan minn dak li jidher mill-filmat, minn dak li jghid l-imputat u minn dak li intqal lil Nikita Previ. Jekk Previ kien qed jitkellem ma' l-imputat bil-fors li ma kienx rieqed ghalkemm l-imputat jiddeskrivih bhala imdamdam. Fil-fehma tal-Qorti dan jista ifisser jew li Previ tant kien "*imdamdam*" li lanqas kien jaf x'kien qed jaghmel (tezi rafforzata minn dak li jghid PS654 li deherlu li Previ kien xurban), jew li Previ mhux qed jghid il-verita meta meta jghid li kien rieqed il-hin kollu li kien fil-karozza minn meta hareg minghand ic-Chick King sa kemm marret tqajjmu bintu u li lanqas m'hu qed jghid il-verita meta jghid li ma jiftakarx li kellu konverzazzjoni ma l-imputat.

Illi l-imputat da parti tieghu ukoll jghid affarijiet li jimpingu negattivament fuq il-kredibilita tieghu:

- Jghid li hu, ghalkemm jiehu droga, *qatt m'ghamel kummidji* b'referenza ghas-serq. Il-fedina penali tieghu pero turi li l-imputat ghamel "*kummidji*" ghaliex fil-passsat instab hati ta' serq u ricettazzjoni.
- Fil-parti inizjali tad-depozizzjoni tieghu l-imputat jghid li Previ kien f'sensih, aktar 'l quddiem pero jghid li kien *imdamdam.*
- Jghid li dar mal-karozza ghax Previ beda jiekol, asserzjoni li m'hemmx logika warajha.
- Ghalkemm jidher car il-moviment tieghu qed jixxabbat gol vettura ta' Previ, l-imputat, li minn jeddu ghazel li jixhed, baqa' ma tax spjega ta' x'kien qed jaghmel dak il-hin u ghalfejn ixxabbat gol-karozza.

Illi fattur iehor ta' certa' relevanza hu li la Lawrence Previ u lanqas bintu ma qalu x'hin kien meta Previ telaq mid-dar ta' bintu. L-unika indikazzjoni ta

hin li taghti Nikita Previ hi li wara li telaq min ghandha halliet hames minuti, camplitlu xi hames darbiet u mbaghad marret tfixxu.

Illi sfortunatament hafna mid-dubbji li hawn f'dan il-kaz dwar dak li gara fil-hin kollu minn meta Previ telaq mid-dar ta' bintu sa x'hin din sabitu rieqed fil-karozza, u kemm fil-fatt ghadda hin minn meta Previ telaq mid-dar ta' bintu kienu jigu rizolti kieku gie prezentat il-filmat kollu minn meta Previ ipparkja hdejn ic-Chick King sa kemm waslet bintu Nikita. Permezz ta' dan il-filmat kien ikun hemm l-ahjar prova dwar x'hin wasal hemm Previ, kemm kien lahaq ghadda hin sa kemm mar ikellmu l-imputat, u jekk marx xi hadd iehor hdejn il-vettura ta' Previ. F'dan ir-rigward huwa relevanti li lanqas PS654, li kellu l-opportunita jara il-filmat, ma ta l-ebda informazzjoni dwar hinijiet u dwar il-prezenza ohra ta' xi persuni ohra hdejn il-vettura ta' Previ.

Illi f'dan ic-cirkostanzi u tenut kont li Previ jammetti fid-depozizzjoni tieghu li huwa gieli jaghti flus lill-imputat, ma jistax jinghad li ingiebet l-ahjar prova in sostenn ta'l-imputazzjoni issa in ezami li taghha ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebitat bil-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu fis-26 ta' Gunju 2020.

Illi mill-atti jirrizulta li fis-26 ta' Gunju 2020 l-imputat kien inghatat il-helsien mill-arrest permezz ta' degriet mghoti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Illi minn dan id-degriet li kopja tieghu hija esebita[23] in atti jirrizulta li fost kundizzjonijiet ohra imposti fuq l-imputat kien hemm dik li jirtira gewwa r-residenza tieghu sa mhux aktar tard mid-9:00pm u ma johrox qabel is-7:00am[24].

Illi aktar minn hekk huwa l-imputat innifsu, f'l-istqarrija, li jammetti li fil-granet in ezami, u cioe f'l-4 ta' Awwissu 2020 huwa kien ghadu marbut b'dawn il-kundizzjonijiet. Huwa fil-fatt qabel li kien inghata l-bail fis-26 ta' Gunju 2020 u qabel ukoll li fil-hin li kien barra huwa suppost kien qieghed id-dar.

Illi ghalhekk din it-tielet imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

[23] Dok MDF1 a fol 48.
[24] Is-sitt kundizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni u tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuza li kiser ordni ta' probation u li huwa recidiv.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet gew prezentati zewg sentenzi: dik datata 30 ta' Awwissu 2019 permezz ta' liema tpogga taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin, u dik datata f'l-1 ta' Dicembru 2015 permezz ta' liema gie ikkundannat xahar prigunerija sospiz ghal perjodu ta' sentejn.

Illi ai termini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

Illi mbaghad ai termini ta'l-artikolu 50 ta'l-istess Kapitolu 9 *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex persuna tigi trattata bhala recidiva l-prosekuzzjoni trid l-ewwel iggib prova ta' xi kundanna precedenti fil-konfront ta' dik il-persuna u li s-sentenza minn liema tirrizulta dik il-kundanna ghaddiet in gudikat. Biex ikun applikabbli l-artikolu 50 irid jigi pruvat ukoll li r-reat il-gdid gie kommess fi zmien ghaxar snin jew hames snin (skond jekk il-piena ta' prigunerija tkunx teccedi hames snin) minn meta giet skontata l-piena precedenti.

Illi b'l-istess mod biex inkun jista' jinghad li persuna kisret Ordni ta' Probation bil-kommissjoni ta' reat fil-perjodu ta' probation irid jigi pruvat li l-imputat kien fil-fatt tpogga taht probation u li s-sentenza li permezz taghha inghata l-Ordni ta' Probationa ghaddiet in gudikat, u l-ir-reati l-godda gew kommessi propju fil-perjodu ta' probation.

Illi fil-proceduri odjerni, ghalkemm il-prosekuzzjoni prezentat kopja awtentikata tas-sentenzi li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami, naqset milli ggib kwalunkwe prova ohra fir-rigward. Konsegwentement ma jistax jinghad li dawn l-imputazzjonijiet gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta'l-imputat kif ukoll in-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, cioe l-ksur ta' kundizzjoni imposta ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

Illi kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti fid-degriet mghoti (f'dawn il-proceduri) fit-22 ta' Novembru 2001, ai termini ta'l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 il-konfiska tal-garanzija hija tassattiva; l-unika diskrezzjoni li ghandha l-Qorti hija dwar jekk il-konfiska ghandhiex tkun tal-garanzija f'l-intier taghha jew f'parti minnha. Aktar minn hekk il-Qorti ghandha tassigura li s-sanzjoni imposta ghandha tkun proporzjonata mal-ksur anke mehud in konsiderazzjoni jekk l-kundizzjoni li ma gietx osservata hiex wahda relatata ma'l-ghan principali u cioe dik li l-imputat jidher ghall-atti tal-pracedura u li ma jintalcjax il-kawza.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi piena fil-minimu taghha u ghandha tikkonfiska ammont minimu mill-garanzija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fil-waqt li tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija, qed tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' mitt Euro (€100) mid-depozitu impost fid-degriet tal-helsien mill-arrest datat 26 ta' Gunju 2020 b'mod li jekk l-imputat ma jergax jiddepozita l-ammont konfiskat fid-data li din is-sentenza tkun saret ezekuttiva huwa jkun soggett ghar-riarrest sa kemm jiddepozita s-somma konfiskata.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**